

DIRETTIVI

DIRETTIVA 2007/30/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' 1-20 ta' Ġunju 2007

li temenda d-Direttiva 89/391/KEE tal-Kunsill, id-Direttivi partikulari tagħha kif ukoll id-Direttivi tal-Kunsill 83/447/KEE, 91/383/KEE, 92/29/KEE u 94/33/KE, bil-ħsieb li jiġu simplifikati u razzjonalizzati r-rapporti dwar l-implementazzjoni prattika

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 137(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (¹),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat (²),

Billi:

- (1) It-tfassil mill-Istati Membri ta' rapporti ta' implementazzjoni prattika bħala bażi għar-rapporti perjodiċi, dwar l-implementazzjoni tar-regoli tal-Komunità dwar is-sikurizza u s-saħħa tal-ħaddiema, huwa stipulat fid-Direttiva 89/391/KEE tal-Kunsill, tat-12 ta' Ġunju 1989, dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (³) kif ukoll mid-Direttivi partikulari skond l-Artikolu 16(1) tagħha, jiġifieri: id-Direttiva tal-Kunsill 89/654/KEE tat-30 ta' Novembru 1989, dwar il-htigġijiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa fuq il-post tax-xogħol (⁴), id-Direttiva tal-Kunsill 89/655/KEE tat-30 ta' Novembru 1989, li tirrigwarda l-htigġijiet minimi tas-sigurtà u s-saħħa fl-użu tat-tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq ix-xogħol (⁵), id-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE tat-30 ta' Novembru 1989, dwar il-htigġijiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa

għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (⁶), id-Direttiva tal-Kunsill 90/269/KEE tad-29 ta' Mejju 1990, dwar il-htigġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà għat-taqandil manwali tat-tagħbija fejn hemm riskju partikolarment ta' koriment tad-dahar għall-ħaddiema (⁷), id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990, dwar il-htigġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (⁸), id-Direttiva tal-Kunsill 92/57/KEE ta' l-24 ta' Ġunju 1992, dwar il-htigġijiet minimi ta' sigurtà u saħħa li għandhom jiġu implimentati fpostiġiet ta' kostruzzjoni temporanji jew mobbli (⁹), id-Direttiva tal-Kunsill 92/58/KEE ta' l-24 ta' Ġunju 1992, dwar il-htigġijiet minimi għall-provvista ta' sinjal tas-sigurtà u jew tas-saħħa fuq ix-xogħol (¹⁰), id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġix Xu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċementement, jew li qed ireddgħu (¹¹), id-Direttiva tal-Kunsill 92/91/KEE tat-3 ta' Novembru 1992, li tikkonċerna l-htigġijiet minimi għat-titjib tal-ħarsien tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema fl-industriji tal-estrazzjoni tal-minerali permezz tat-tħaffir (¹²), id-Direttiva tal-Kunsill 92/104/KEE tat-3 ta' Diċembru 1992, dwar il-htigġijiet minimi biex tittejjeb is-sigurtà u l-protezzjoni tas-saħħa ta' ħaddiema ta' l-industriji għall-estrazzjoni tal-minerali kemm fuq, kif ukoll taħt l-art (¹³), id-Direttiva tal-Kunsill 93/103/KEE, tat-23 ta' Novembru 1993, li tirrigwarda l-htigġijiet minimi tas-sigurtà u s-saħħa għax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd (¹⁴), id-Direttiva tal-Kunsill Nru 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu ma' l-ġagenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (¹⁵), id-Direttiva 1999/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 1999, dwar il-htigġijiet minimi għat-titjib tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema potenżjalment fir-riskju mill-atmosferi splussivi (¹⁶), id-Direttiva 2002/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar il-htigġijiet minimi

(¹) Opinjoni mogħtija fis-17 ta' Jannar 2006.

(²) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 (għadha mhixiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2007

(³) ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1. Direttiva kif emendata mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1)

(⁴) ĠU L 393, 30.12.1989, p. 1.

(⁵) ĠU L 393, 30.12.1989, p. 13. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 2001/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 195, 19.7.2001, p. 46).

(⁶) ĠU L 393, 30.12.1989, p. 18.

(⁷) ĠU L 156, 21.6.1990, p. 9.

(⁸) ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14.

(⁹) ĠU L 245, 26.8.1992, p. 6.

(¹⁰) ĠU L 245, 26.8.1992, p. 23.

(¹¹) ĠU L 348, 28.11.1992, p. 1.

(¹²) ĠU L 348, 28.11.1992, p. 9.

(¹³) ĠU L 404, 31.12.1992, p. 10.

(¹⁴) ĠU L 307, 13.12.1993, p. 1.

(¹⁵) ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11.

(¹⁶) ĠU L 23, 28.1.2000, p. 57.

tas-saħħa u tas-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu mill-ġġeni fiżiċi (il-vibrazzjonijiet) (¹), id-Direttiva 2003/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 2003 dwar il-ħtiġjiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni ta' ħaddiema għal riskji li jirriżultaw minn ġġeni fiżiċi (ħoss) (²), id-Direttiva 2004/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-ħtiġjiet minimi għas-saħħa u s-sigurtà fir-rigward ta' l-espożizzjoni ta' ħaddiema għal riskji li jiġi minn ġġeni fiżiċi (kampi elettro-manjetiċi) (³), u d-Direttiva 2006/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2006, relatati mal-ħtiġjiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa relatati ma' l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji dovuti għall-ġġeni fiżiċi (radjazzjonijiet ottiċi artifiċjali) (⁴).

- (2) Rapport ta' implementazzjoni huwa mitlub ukoll mid-Direttiva tal-Kunsill 91/383/KEE tal-25 ta' Ġunju 1991 li tissupplimenta l-miżuri biex jinkoraġġixxu t-titħbi fis-sigurtà u s-saħħa fix-xogħol tal-ħaddiema li għandhom relazzjoni ta' impieg b'dewmien fiss jew ta' impieg temporanju (⁵), mid-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġjiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastaġmenti (⁶) u mid-Direttiva tal-Kunsill 94/33/KEE tat-22 ta' Ġunju 1994 dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq ix-xogħol (⁷).
- (3) Id-dispożizzjonijiet relatati mat-Tfassil ta' rapporti fid-Direttivi partikulari skond l-Artikolu 16(1), tad-Direttiva 89/391/KEE, kif ukoll fid-Direttivi 91/383/KEE, 92/29/KEE u 94/33/KEE huma inkonsistenti fir-rigward tal-frekwenza u l-kontenut tagħhom.
- (4) L-obbligi imposti fuq l-Istati Membri biex jagħmlu rapport dwar l-implementazzjoni prattika u fuq il-Kummissjoni biex tfassil rapport abbażi tar-rapporti nazzjonali, jikkostitwixxu parti importanti miċ-ċiklu leġiżlattiv u jipprovd opportunita' biex wieħed jara fejn wasal u biex ssir valutazzjoni ta' l-aspetti differenti ta' l-implementazzjoni prattika tad-Direttivi; għalhekk huwa xieraq li dan l-obbligu jiġi estiż għad-Direttivi li ma jitobux it-Tfassil ta' rapporti, jiġifieri: id-Direttiva 2000/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati ma' l-espożizzjoni għal aġġenti bijol-ġiċċi fuq il-post tax-xogħol (is-seba' direttiva individuali fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (⁸), id-Direttiva 2004/37/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-

protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati ma' l-espożizzjoni għal karċinoġen jew mutaġġeni fuq il-post tax-xogħol (sitt direttiva individuali fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (⁹), kif ukoll id-Direttiva 83/477/KEE tal-Kunsill tad-19 ta' Settembru 1983 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi ma' l-espożiment għall-asbestos fuq ix-xogħol (it-tieni direttiva individuali fis-sens ta' l-Artikolu 8 tad-Direttiva 80/1107/KEE) (¹⁰).

- (5) Għalhekk jeħtieġ li d-dispożizzjoni jiet tad-Direttiva 89/391/KEE, tad-Direttivi partikulari fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tagħha, kif ukoll tad-Direttivi 83/477/KEE, 91/383/KEE, 92/29/KEE u 94/33/KEE jiġi armonizzati.
- (6) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Addattament għat-tibidil fuq ix-xogħol u fis-soċjetà: strateġija Komunitarja ġidida għas-saħħa u għas-sigurtà 2002-2006" tipprevedi t-Tfassil ta' proposti leġiżlattivi li jiissimplifikaw u jirrazzjonalizzaw ir-rapporti ta' implementazzjoni; din il-kwistjoni ġiet identifikaa ukoll bħala waħda mill-prioritajiet għas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fil-kuntest ta' l-inizjattiva dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġjiet.
- (7) L-eżerċizzju għandu jiġi simplifikat billi tiġi armonizzata l-perjodiċità tal-preżentazzjoni tar-rapporti ta' implementazzjoni prattika lill-Kummissjoni u billi jiġi rikjest rapport wieħed biss ta' implementazzjoni prattika li jkun jinkludi parti ġenerali, applikabbli għad-direttivi kollha, u kapitoli speċifiċi dwar l-aspetti li huma partikulari għal kull direttiva. Dawn id-dispożizzjoni u notevolment l-introduzzjoni ta' Artikolu 17a ġdid fid-Direttiva 89/391/KEE, barra minn hekk, jippermettu inklużjoni f'dan l-eżerċizzju ta' rapport ta' implementazzjoni tad-Direttivi partikulari fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE li ma jirrik jedux it-Tfassil ta' rapporti, jiġifieri: id-Direttivi 2000/54/KE u 2004/37/KE, kif ukoll kull direttiva partikulari futura fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE.
- (8) Il-frekwenza xierqa biex l-Istati Membri ifasslu dawn ir-rapporti u jissottomettuhom lill-Kummissjoni għandha tkun kull ħames snin; l-ewwel rapport għandu b'eċċezzjoni jkopri perjodu itwal; l-istruttura ta' dawn ir-rapporti għandha tkun konsistenti sabiex tippermetti l-isfruttament tagħhom; dawn ir-rapporti għandhom jitfasslu fuq bażi ta' kwestjonarju mfassal mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultativ dwar is-Sigurta u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, u jinkludu informazzjoni relevanti dwar l-isforzi preventivi magħmula fl-Istati Membri sabiex jippermettu lill-Kummissjoni, waqt li tieħu kont tar-riżultati relevanti ta' l-Aġġenzija Ewropea għas-Sigurta u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol u tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titħbi tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u x-Xogħol, sabiex tevalwa adegwattement kif taħdem il-leġiżlazzjoni fil-prattika.

(¹) ĠU L 177, 6.7.2002, p. 13.
 (²) ĠU L 42, 15.2.2003, p. 38.
 (³) ĠU L 159, 30.4.2004, p. 1. Verżjoni korretta ppubblikata fil-ĠU L 184, 24.5.2004, p. 1.
 (⁴) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 38.
 (⁵) ĠU L 206, 29.7.1991, p. 19.
 (⁶) ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19. Id-Direttiva kif emendata mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.
 (⁷) ĠU L 216, 20.8.1994, p. 12.
 (⁸) ĠU L 262, 17.10.2000, p. 21.
 (⁹) ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50. Verżjoni korretta ppubblikata fil-ĠU L 229, 29.6.2004, p. 23.
 (¹⁰) ĠU L 263, 24.9.1983, p. 25. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 2003/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 97, 15.4.2003, p. 48)

- (9) Fkonformità ma' l-Artikolu 138(2), tat-Trattat, il-Kummissjoni kkonsultat l-imsieħba soċjali fuq il-livell Komunitarju dwar l-orjentazzjoni possibbli għal azzjoni Komunitarja f'dan il-qasam.
- (10) Wara din il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni stmat li azzjoni Komunitarja kienet mixtieqa u mill-ġdid ikkonsultat l-imsieħba soċjali fuq il-livell Komunitarju dwar il-kontenut tal-proposta maħsuba, skond l-Artikolu 138(3), tat-Trattat.
- (11) Wara din it-tieni fażi ta' konsultazzjoni, l-imsieħba soċjali ma infurmawx lill-Kummissjoni bix-xewqa tagħhom li jidbew il-proċess li jista' jwassal għall-konklużjoni ta' ftehim, hekk kif stipulat fl-Artikolu 138(4), tat-Trattat.
- (12) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jittraspunu l-modifikasi previsti f'din id-Direttiva, li minħabba n-natura spċċifika ta' din id-Direttiva u jekk dan ikun xieraq, jistgħu jieħdu l-forma ta' miżuri amministrativi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emenda għad-Direttiva 89/391/KEE

Fid-Direttiva 89/391/KEE, għandu jiġi nserit l-Artikolu li ġej:

“L-Artikolu 17a

Rapporti ta' implementazzjoni

1. Kull ħames snin, l-Istati Membri jissottomettu rapport uniku lill-Kummissjoni dwar l-implementazzjoni prattika ta' din id-Direttiva, kif ukoll tad-Direttivi partikulari fis-sens ta' l-Artikolu 16(1), fejn jindikaw l-opinjoni ta' l-imsieħba soċjali. Ir-rapport għandu jevalwa l-punti varji relatati ma' l-implementazzjoni prattika tad-Direttivi differenti u, fejn hu xieraq u disponibbli, jaġhti data diżaggregata skond il-ġeneru.

2. L-istruttura tar-rapport, flimkien ma' kwestjonarju li jispeċifika l-kontenut tiegħu, għandha tīgi definita mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol.

Ir-rapport għandu jinkludi parti ġenerali li tkopri d-dispożizzjoni jiet ta' din id-Direttiva relatati mal-prinċipi komuni u mal-punti li japplikaw għad-Direttivi kollha msemmija fil-paragrafu 1.

Biex jikkomplementaw il-parti ġenerali, kapitoli spċċifici sejkopru l-implementazzjoni ta' l-aspetti partikulari ta' kull Direttiva, fosthom l-indikaturi spċċifici, fejn dawn ikunu disponibbli.

3. Il-Kummissjoni għandha tissottometti l-istruttura tar-rapport, flimkien mal-kwestjonarju msemmi hawn fuq, lill-Istati Membri mill-inqas sitt xħur qabel tmiem il-perjodu kopert mir-rapport. Ir-rapport għandu jiġi trażmess lill-Kummissjoni fi żmien tħażżeen tħalli kollha minn tmiem il-perjodu ta' ħames snin li huwa jkopri.

4. Fuq il-bażi ta' dawn ir-rapporti, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-implementazzjoni tad-Direttivi kkonċernati firrigward tar-relevanza tagħhom, tar-riċerka u tal-konoxxenza xjentifika ġdida fl-oqsma differenti kkonċernati. Fi żmien 36 xħar minn tmiem il-perjodu ta' ħames snin, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol bir-riżultati ta' din il-valutazzjoni u, jekk ikun hemm bżonn, b'kull inizjattiva għat-titjib tal-funzjonament tal-qafas regolatorju.

5. L-ewwel rapport għandu jkopri l-perjodu mill-2007 sa-1-2012 inklużi.”

Artikolu 2

Emendi għad-Direttivi 83/477/KEE, 91/383/KEE, 92/29/KEE u 94/33/KE

1. Fid-Direttiva 83/477/KEE, għandu jiġi nserit l-Artikolu li ġej:

“L-Artikolu 17a

Rapport ta' implementazzjoni:

Kull ħames snin, l-Istati Membri jissottomettu rapport lill-Kummissjoni dwar l-implementazzjoni prattika ta' din id-Direttiva fil-forma ta' kapitolu spċċifiku tar-rapport uniku msemmi fl-Artikolu 17a (1), (2) u (3) tad-Direttiva 89/391/KEE li jservi ta' bażi għall-valutazzjoni li trid issir mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 17a (4) ta' dik id-Direttiva.”

2. l-Artikolu li ġej għandu jiġi nserit fid-Direttiva 91/383/KEE:

“L-Artikolu 10a

Rapport ta' implementazzjoni

Kull ħames snin, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport lill-Kummissjoni dwar l-implementazzjoni prattika ta' din id-Direttiva fil-forma ta' kapitolu spċċifiku tar-rapport uniku msemmi fl-Artikolu 17a (1), (2) u (3) tad-Direttiva 89/391/KEE li jservi ta' bażi għall-valutazzjoni li trid issir mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 17a (4) ta' dik id-Direttiva.”

3. L-Artikolu li ġej għandu jiġi nserit fid-Direttiva 92/29/KEE:

“L-Artikolu 9a

Rapport ta’ implementazzjoni:

Kull ħames snin, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport lill-Kummissjoni dwar l-implementazzjoni prattika ta’ din id-Direttiva fil-forma ta’ kapitolu speċifiku tar-rapport uniku msemmi fl-Artikolu 17 a(1), (2) u (3), tad-Direttiva 89/391/KEE li jservi ta’ bażi għall-valutazzjoni li trid issir mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 17a (4) ta’ dik id-Direttiva.”

4. L-Artikolu li ġej għandu jiġi nserit fid-Direttiva 94/33/KE:

“L-Artikolu 17a

Rapport ta’ implementazzjoni:

Kull ħames snin, l-Istati Membri jissottomettu rapport lill-Kummissjoni dwar l-implementazzjoni prattika ta’ din id-Direttiva taħt il-forma ta’ kapitolu speċifiku tar-rapport uniku msemmi fl-Artikolu 17a (1), (2) u (3), tad-Direttiva 89/391/KEE li jservi ta’ bażi għall-valutazzjoni li trid issir mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 17a(4) ta’ dik id-Direttiva.”

Artikolu 3

Revoka

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu mħassra b'effett mis-27 ta’ Ġunju 2007:

- (1) l-Artikolu 18(3) u (4) tad-Direttiva 89/391/KEE;
- (2) l-Artikolu 10(3) u (4) tad-Direttiva 89/654/KEE;
- (3) l-Artikolu 10(3) u (4) tad-Direttiva 89/655/KEE;
- (4) l-Artikolu 10(3) u (4) tad-Direttiva 89/656/KEE;
- (5) l-Artikolu 9(3) u (4) tad-Direttiva 90/269/KEE;
- (6) l-Artikolu 11(3) u (4) tad-Direttiva 90/270/KEE;
- (7) l-Artikolu 10(3) u (4) tad-Direttiva 91/383/KEE;
- (8) l-Artikolu 9(3) u (4) tad-Direttiva 92/29/KEE;
- (9) l-Artikolu 14(4) u (5) tad-Direttiva 92/57/KEE;
- (10) l-Artikolu 11(4) u (5) tad-Direttiva 92/58/KEE;

(11) l-Artikolu 14(4), (5) u (6) tad-Direttiva 92/85/KEE;

(12) l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 92/91/KEE;

(13) l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 92/104/KEE;

(14) l-Artikolu 13(3) u (4) tad-Direttiva 93/103/KE;

(15) l-Artikolu 17(4) u (5) tad-Direttiva 94/33/KE;

(16) l-Artikolu 15 tad-Direttiva 98/24/KE;

(17) l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 1999/92/KE;

(18) l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/44/KE;

(19) l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2003/10/KE;

(20) l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/40/KE;

(21) l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2006/25/KE.

Artikolu 4

Implementazzjoni

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu konformi ma’ din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2012.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta’ wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 6

Indirizzati

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, 20 ta’ Ġunju 2007.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

H.-G. PÖTTERING

Għall-Kunsill

Il-President

G. GLOSER